MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2004

Numru 576/2001

**Il-Pulizija**
**(Spettur Martin Sammut)**

**Vs**

Deborah Fenech De Fremaux

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputata Deborah Fenech De Fremaux ta’ karta ta’ identita’ numru 186876(M), akkuzata talli:

F’dawn l-Gzejjer f’diversi bnadi, nhar l-20 ta’ Settembru, 2001 u fix-xhur ta’ qabel, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jikksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi;

1. iffalsifikat cedula, polza, ordni jew dokument iehor u cioe' diversi dokumenti tal-APS Bank, HSBC Bank (Malta) plc u dokumenti ohra, illi meta jigu prezentati wiehed jista jircivi bihom hlas, jew jiehu l-kunsina ta' oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern, ghad-dannu ta' l-APS Bank, HSBC Bank (Malta) plc u bosta persuni ohra u dan bi ksur ta' l-Artikolu 167 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. xjentement ghamlet uzu minn cedula, polza, ordni, jew dokument falz u cioe' diversi dokumenti tal-APS Bank, HSBC Bank (Malta) plc u dokumenti ohra, illi meta jigu prezentati wiehed jista jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsina ta' oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern, ghad-dannu tal-APS Bank, HSBC Bank (Malta) plc u bosta persuni ohra u dan bi ksur ta' l-Artikolu 169 tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta' Malta;

3. ghamlet falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat u cioe' diversi dokumenti tal-APS Bank, HSBC Bank (Malta) plc u dokumenti ohra, b'falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holqot pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffirmati, inkella billi ziedet jew bidlet klawsoli dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jipruvaw, ghad-dannu tal-APS Bank, HSBC Bank (Malta) plc u bosta persuni ohra u dan bi ksur ta' l-Artikolu 183 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Xjentement ghamlet uzu minn att, kitba jew skrittura falza u cioe' diversi dokumenti tal-APS Bank , HSBC Bank (Malta) plc u dokumenti ohra, ghad-dannu tal-APS Bank (Malta), HSBC Bank (Malta) plc u bosta persuni ohra, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 184 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Ghamlet falsifikazzjoni, b'abbuz ta' awtorita', minhabba l-kariga jew impjieg taghha, meta kienet fid-

dmir li taghmel jew taghti dikjarazzjoni jew certifikta, ghamlet dikjarazzjoni falza jew taghat certifikat falz lir-Registratur tal-Kumpaniji, u l-Malta Financial Services Centre, u bosta persuni ohra u dan bi ksur tal-Artikolu 185(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Ghamlet uzu minn dokumenti, dikjarazzjonijiet jew certifikati foloz ghad-dannu tal-APS Bank, HSBC Bank (Malta) plc, r-Registratur tal-Kumpaniji, l-Malta Financial Servicies Centre, u bosta persuni u dan bi ksur tal-Artikolu 186 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. Xjentament, b'firem foloz, jew b'tibdil f'atti jew fi skritturi, jew f'firem, jew billi dahlet isem ta' persuna mhux vera, ghamlet falsifikazzjoni fi skrittura privata u kif ukoll uzat skritturi privati foloz, li tkun tista' taghmel hsara lil xi persuna jew igib utili, ghad-dannu tal-APS Bank, HSBC Bank (Malta) plc, r-Registratur tal-Kumpaniji, u l-Malta Financial Services Centre u bosta persuni ohra, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 187 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. Sabiex tikseb vantagg jew beneficcju ghaliha innifisha, jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamlet dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taghat taghrif falz ghad-dannu tar-Registratur tal-Kumpaniji, l-Malta Financial Services Centre u bosta persuni ohra u dan bi ksur tal-Artikolu 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

9. Ghamlet falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamlet uzu minn xi dokument iehor falsifikat ghad-dannu tal-APS Bank, HSBC Bank (Malta) plc, r-Registratur tal-Kumpaniji, u l-Malta Financial Services Centre u bosta persuni ohra, u dan bi ksur tal-Artikolu 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

10. F'Malta, xjentement laqghet ghandha jew xtrat hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun indahlet biex tbieghhom jew tmexxihom u dan bi ksur tal-Artikolu 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

11. Kienet fil-pussess ta’ passaport trasferit lilha minn persuna ohra u cioe’ passaport Grieg bin-numru K 530765 mahrug fid-29 ta’ Awissu, 1995 ta’ Vasileious Morfiadis, u dan bi ksur tal-Artikolu 3 tal-Kap 61 tal-Ligjiet ta’ Malta;

12. Filwaqt li kienet fil-pussess ta’ karta ta’ l-identita’ mahruga lil persuna ohra u cioe’ Raphael Fenech, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 761338M, naqset li tikkonsenja l-imsemmija karta ta’ l-identita’ lill-ufficjal awtorizzat u dan bi ksur tal-Artikolu 12(2) tal-Kap 258 tal-Ligijiet ta’ Malta;

13. Minghajr awtorita’ legali jew minghajr skuza legittima jew ragonevoli, xtrat jew ircivit minghand xi persuna, jew kellha fil-kustudja jew pussess taghha, biljetti tal-flus falsifikati u li kienet taf li l-istess kienu falsifikati, u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 46 tal-Kap 204 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat ir-rinviju tal-Avukat Generali li bih irrimetta l-atti tal-kompilazzjoni quddiem dina l-Qorti sabiex tiddecidi dwar il-htija o meno tal-imputata ai termini tal-Artikoli tal-Ligi minnu citati.

Semghet l-imputata tiddikjara li ma kellix oggezzjoni biex il-kawza tinstema’ u tigi deciza minn dina l-Qorti;

Ezaminat u semghet il-provi;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

Illi ai termini tar-rinviju tal-Avukat Generali l-imputata tinsab akkuzata, talli:
a. xjentement ghamlet uzu ta’ obbligazzjonijiet tal-Gvern li jirrizultaw falsifikati, jew li xjentement ghamlet uzu ta’ cedoli, poloz, ordnijiet jew dokumenti ohra foloz li bihom setghet tircevi hlas jew tiehu kunsinna ta’ oggetti jew tigbor depozitu jew rahan minn ufficju jew stabiliment pubbliku jew minn bank [Art. 169 b’referenza ghall-Artikolu 166 u 167 tal-Kap 9];

b. iffalsifikat att awtentiku u pubbliku jew skrittura kummercjali jew ta’ bank privat konsistenti l-falsifikazzjoni kemm f’tibdil fl-iskrittura jew fil-firem [Art. 183 tal-Kap 9];
c. xjentement ghamlet uzu minn dawn id-dokumenti [Art. 184 tal-Kap 9];
d. ghamlet dikjarazzjoni falza jew tghat certifikat falz b’abbuz ta’ awtorita’ [Art. 185 tal-Kap 9];
e. xjentement ghamlet uzu mill-ahhar imsemmija dokumenti [Art. 186 tal-Kap 9];
f. ghamlet falsifikazzjoni fi skrittura privata li setghet taghmel hsara lil xi persuna ohra jew iggib utili [Art. 187 tal-Kap 9];
g. xjentement, biex tikseb xi vantagg jew beneficju, ghamlet dikjarazzjoni falza jew tghat taghrif falz lill-awtorita’ pubblika [Art. 188 tal-Kap 9];
h. ghamlet falsifikazzjoni u ghamlet uzu ta’ dokument falz mhux fost dawk imsemmija [Art. 189 tal-Kap 9];
i. kkommettiet r-reat ta’ ricettazzjoni [Art. 334 tal-Kap 9];
j. kellha fil-pussess taghha passaport trasferit lilha minn persuna ohra [Art. 3 tal-Kap 61];
k. kienet fil-pussess ta’ karta ta’ identita’ mahruga fuq persuna ohra [Art. 12 tal-Kap 258];
l. kellha fil-pussess taghha zewg biljetti ta’ flus tal-Argentina falsifikati [Art. 46 tal-Kap 204].

Illi l-akkuzi fuq riportati joriginaw minn investigazzjoni li l-pulizija lokali ghamlu fuq talba ghall-assistenza mill-pulizija Taljana li kienu qeghdin jinvestigaw reati koncernanti hasil ta’ flus. Jinghad, pero’, a skans ta’ kull ekwivoku, li kontra l-imputata ma rrizulta mkien li hija kienet kojinvolta ma’ dan it-tip ta’ reat u fil-verita’ ebda reat tali ma gie addebitat lilha. L-akkuzi kontra l-imputata rrizultaw wara tfixxija li saret gewwa l-fond ta’ residenza taghha u fis-sistema komputerizzata li kellha. Difatti f’din it-tficcija rrizulta kemm il-passaport, l-karta tal-identita’ li kienet tghajjat lill-missierha li kien miet, u kemm dokumenti ta’ zewg banek lokali konsistenti f’karti intestati tal-istess banek, uhud in bjank, u ohrajn b’kitba u anka b’firma fuqhom (f’dan ir-rigward riferenza ssir lid-dokumenti fil-Volum 3 markati B41 numru 8, 14, 15 u 37; Volum 2 markat A numru 17 u Volum 3 markat B 67 u

Volum 3 markat B41 u 27 sa 37). Fil-kors tat-tficcija gew ukoll elevati numru ta' kambjali (Volum 2 markati A96, 97, 98 u 99) u fotokopja ta' flus tal-Argentina. Kien fuq l-iskorta ta' din it-tficcija li l-imputata tinsab illum akkuzata bir-reat ta' frodi, falsifikazzjoni, ricettazzjoni, pussess ta' passaport falz u pussess ta' flejjes foloz, li ilkoll huma kwalifikati bhala reat kontinwat.

Illi mill-provi u d-dokumenti ghandu jirrizulta wisq car li l-imputata kellha fil-pussess taghha dokumenti foloz kemm fl-iskrittura taghhom u kemm fil-firma u dan irrizulta univokament almenu f'dokument (b'izjed minn kopja wahda) kemm tal-APS u kemm tal-HSBC. Irrizulta wkoll li kellha karti ntestati tal-APS li ma kienux genwini ghal kuntrarju ta' xi karti intestati tal-HSBC li l-provi dwar il-genwinita' jew nuqqas taghha hi nkonkludenti. Ma rrizultax li l-imputata ghamlet uzu minn dawn id-dokumenti izda fuq il-bilancja l-ohra l-prova li kienet l-imputata li ikkomponiet l-imsemmija dokumenti tinsab suffragata mill-fatt li nstabu fis-sistema komputerizzata taghha. Dan, fil-kuntest tal-akkuzi, jfisser li l-imputata ghandha tinstab hatja kemm ta'frodi u kemm ta' falsifikazzjoni, izda mhux li ghamlet uzu taghhom u fir-rigward tal-frodi r-reat jissusisti wkoll lampantament fid-dikjarazzjoni li l-istess imputata ghamlet lir-Registratur tal-Kumpaniji meta giet registrata s-socjeta' 'International Europe Computers Holding Limited' dwar kunjomha fir-rigward ta' liema hi kienet issottomettiet dokumenti foloz u iffalsifikati minnha.

Ghal dak li huma l-kambjali li nstabu ghand l-imputata dak li rrizulta hu li huma kienu foloz fis-sens li l-bank trajenti kien espressament iddikjara li ma kienx ser jonorhom billi l-girata ma kinitx tirrizulta u lanqas kien irrizultalu li kien harighom hu. Hu x'inhu l-kaz pero' irrizulta abundantement car li fir-rigward ta' dawn il-kambjali l-imputata kull ma ghamlet hu li mxiet bl-akbar cirkospezzjoni fil-waqt li ivverifikat il-genwinita' taghhom u m'ghamlet xejn aktar u ma sar xejn bihom wkoll meta giet infurmata li ma kinux genwini. Fl-istess vena wiehed jista' jirreferi ghaz-zewg karti ta' flus tal-Argentina li mkien ma rrizulta li gew jew kien hemm xi attentat li jigu spaccjati moto piu' meta dawn l-karti ta' flus kienu biss fotokopja.

Illi jirrizulta li l-imputata kienet zammet l-karta tal-identita' ta' missierha in kontravenzjoni ghall-obbligu taghha li tikkonsenjha lill-awtorita' kompetenti u wkoll li kienet ghamlet passaport ghaliha li kellu kunjom mhux taghha u kwindi kien falz. Anke jekk dan il-passaport ma nstabx il-prova fir-rigward hija cara anka fuq ammissjoni taghha stess. Ghal kuntrarju l-passaport Grieg li kellha ta' terza persuna ma rrizultax li kien gie trasferit lilha anzi li rrizulta hu li kienet l-istess persuna proprjetarja' tal-passaport li hallietu ghandha.

Dwar ir-ricettazzjoni dan ma jirrizulta minn imkien.

Inghad dan ghalhekk din il-Qorti wara li kkonsidrat kemm il-fedina penali u l-istatus attwali tal-imputata li zzewget u qeghdha tistenna tarbija u rat l-Artikoli 183, 185(2), 187, 188, 18, 17 u 31 tal-Kap 9 u l-Artikolu 3 tal-Kap 61, oltre l-Artikolu 12(2) tal-Kap 258 qeghdha fil-waqt li ssibha hatja fil-konfront tat-tielet, l-hames, is-seba, it-tmien, il-hdax u t-tnax l-akkuza tiddecidi li tikkundannha sentejn prigunerija li pero' qeghdha tissospendihom ghall-perjodu ta' sentejn mill-lum sakemm l-imputata ma tikkommettix reat iehor f'dan il-perjodu li jkun punibbli bi prigunerija oltre li tikkundannha Lm20 multa relettivament l-akkuza numru tnax.

Tikkundannah wkoll li thallas l-ispejjez kollha inkorsi fin-nomina tal-esperti li ppresentaw u halfu r-relazzjoni taghhom fil-kors tal-proceduri ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap 9.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------